**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 382/2015 AF**

**Anna Calleja u zewgha Carmel sive Charles Calleja**

**u**

**Vincent Bianco u martu Julia Bianco**

**vs**

**Carmelo Bianco**

**John Bianco**

**Mario Bianco**

**u**

**Paul Bianco**

**u**

**Ta' Grabiel Degabriele Company Limited (C-9528)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Anna Calleja, Vincent Bianco u l-konvenuti Carmelo Bianco, John Bianco, Mario Bianco u Paul Bianco huma azzjonisti fil-kumpanija kummercjali Ta' Grabiel Degabriele Limited, li ghandha bi proprjetà u topera kumpless ta' zewg restaurants, take away u reception open air facility maghruf bhala Ta' Grabiel, f'Misrah Mifsud Bonnici, Marsascala.

B'att pubblikat minn Nutar Joseph Debono datat 24 ta' Mejju 2004 l-istess kontendenti ftehmu fost ohrajn, li n-negozju tas-socjetà Ta' Grabiel Degabriele Limited jitmexxa mill-konvenuti Carmelo, John, Mario u Paul Bianco. In kontrakambju, l-kontendenti qablu li l-istess "*socjetà kummercjali Ta' Grabiel Degabriele Limited tibda thallas is-somma garantita ta' tlett elef u hames mitt Liri Maltin (Lm3,500) mis-sena finanzjarja elf disa mija u disgha u disghin (1999) lil kull wiehed mill-komparenti Vincent Bianco u Anna Calleja mart Charles*", liema hlas kien rivedibbli kull sena skond ir-rata tal-inflazzjoni, u bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra imsemmija fl-istess kuntratt. Il-ftehim kien ghal perjodu li kien jaghlaq fl-2009, liema perjodu kellu jiggedded ghal perjodi ohra.

Bl-istess ftehim, il-partijiet qablu li kellhom jithallsu lill-esponenti Anna Calleja u Vincent Bianco, fiz-zwieg taghhom mal-esponenti l-ohra Carmel Calleja u Julia Bianco rispettivament, fuq medda ta' erbatax (14)-il sena, l-arretrati ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003. L-ewwel pagament sar fit-30 ta' Gunju 2004.

Ghalkemm il-konvenuti ghal xi zmien kienu jhallsu l-ammont miftiehem skond il-kuntratt fuq imsemmi, wara s-sena 2007 ma hallsux aktar l-ammonti dovuti lill-esponenti, u l-esponenti lanqas ma ppartecipaw fil-qligh tal-kumpanija, billi l-intimat hadu u ghadhom qed jiehdu l-qliegh kollu huma.

Interpellati b'ittra ufficjali tas-16 ta' April 2012 biex jersqu ghall-hlas tal-arretrati kollha dovuti minnhom, kif ukoll ghall-

likwidazzjoni u l-hlas tal-awmenti dovuti taht il-klawsola ittra (d) tal-kuntratt imsemmi, l-intimati baqghu ma ghamlu xejn.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-hlas, bl-awmenti skond ir-rata tal-inflazzjoni, dovuti lill-esponenti skond il-kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Joseph Debono fl-24 ta' Mejju 2004, kif fuq inghad; u

2. Tikkundanna lill-intimati kollha, flimkien u in solidum, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-esponenti s-somma hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-11 ta' Ottubru 2013 u tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' April 2012, u bl-imghaxijiet, kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament, l-intimati Carmelo Bianco, John Bianco, Mario Bianco u Paul Bianco mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet tar-rikorrenti, kif impostati fir-Rikors Guramentat taghhom, u dan in vista tal-fatt illi l-istess intimati m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika maghhom ghall-finijiet tal-kawza odjerna, u dan kif jirrizulta mix-*Shareholders' Agreement* annessa u mmarkata bhala 'Dok. A' mar-Rikors Guramentat tal-istess atturi, minn liema skrittura jemergi bic-car illi l-istess intimati bl-ebda mod ma ntrabtu fil-kwalità personali taghhom fil-konfront tal-atturi.

Ghaldaqstant, l-istess intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni a karigu tal-atturi.

Minghajr pregudizzju, izda b'zieda mas-suespost, jinghad illi l-kumpanija Ta' Grabiel Degabriele Limited (C-9528) mhijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti, kif impostati

fir-Rikors Guramentat taghhom, u dan in vista tal-fatt illi, mix-*Shareholders' Agreement* annessa u mmarkata bhala 'Dok. A' mar-Rikors Guramentat tal-istess atturi, jirrizulta bic-car illi l-istess kumpanija, bhala persuna guridika separata u distinta mill-membri taghha, mhijiex parti mill-imsemmi ftehim u, ghaldaqstant, ma giet ikkrejata l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-istess kumpanija esponenti permezz ta' tali skrittura li tillegittima l-azzjoni tal-atturi fil-konfront taghha. Ghaldaqstant, kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-istess skrittura hija *res inter alios acta* ghall-istess kumpanija esponenti u, ghalhekk, kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-istess skrittura mhijiex infurzabbli fil-konfront tal-kumpanija esponenti.

Ghaldaqstant, il-kumpanija Ta' Grabiel Degabriele Limited (C-9528) ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni a karigu tal-atturi.

In vista tas-suespost, jinghad illi l-azzjoni, kif proposta mill-atturi, hija monka u irritwali, kif ukoll infondata fid-dritt, stante illi l-iskrittura formanti l-bazi tal-azzjoni taghhom (annessa u mmarkata bhala 'Dok. A' mar-Rikors Guramentat tal-istess atturi) hija semplicement *Shareholders' Agreement* illi tirregola l-intenzjonijiet u r-relazzjonijiet interni u personali tal-azzjonisti bejniethom relattivi ghat-tmexxija u ghall-gestjoni tas-socjetà Ta' Grabiel Degabriele Limited (C-9528), liema azzjonisti, fil-verità, zdiedu fin-numru sussegwentement ghall-iffirmar tal-istess skrittura, u dan kif jirrizulta mill-estratt mir-registru elettroniku tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. TGL 1'. F'dan ir-rigward, issir referenza ghad-dettami tal-klawsola 'k' tal-istess skrittura fejn insibu referenza ghall-istess skrittura bhala 'att dikjaratorju' tal-azzjonisti tal-kumpanija fiz-zmien meta giet iffirmata tali skrittura.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu jinghad illi, fi kwalunkwe kaz, il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija Ta' Grabiel Degabriele Limited (C-9528) marret ghall-aghar fl-ahhar snin, u fil-fatt, l-istess kumpanija naqset milli tirregistra qliegh fis-snin sussegwenti ghall-iffirmar tax-*Shareholders' Agreement* surreferit. Fil-fatt, kien biss fl-ahhar tas-sena elfejn u erbatax

(2014), ossia wara li l-atturi kienu intavolaw l-ittra ufficjali datata sittax ta' April tas-sena elfejn u tnax (16.04.2012), liema ittra ssir referenza ghaliha fir-Rikors Guramentat taghhom, illi l-istess kumpanija rregistrat profitti ghall-ewwel darba f'iktar minn sitt (6) snin, u dan kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, jinghad illi, in vista tad-dettami tal-Artikolu 192 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, l-kumpanija Ta' Grabiel Degabriele Limited (C-9528), fi kwalunkwe kaz, ma kienitx u mhijiex obbligata li taghmel it-tqassim reklamat minnha ghas-snin fejn ma gie rregistrat l-ebda qliegh, senjatament in vista tal-fatt illi kwlaunkwe obbligazzjoni marbuta mal-ftehim surreferit formanti l-bazi tal-azzjoni tal-atturi hija intrinsikament marbuta mat-tmexxija tan-negozju in kwistjoni.

Salv eccezzonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom il-pagamenti dovuti lilhom skont il-ftehim tal-24 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi Anna Calleja u Vincent Bianco u l-konvenuti Carmelo, John, Mario u Paul Bianco huma lkoll aħwa u azzjonisti tas-soċjetà konvenuta Ta' Grabiel Degabriele Limited. L-imsemmija soċjetà tiġġestixxi żewġ *restaurants* u faċilitajiet oħra ġewwa Wied il-Għajn. Dan in-negozju huwa ġestit mill-konvenuti aħwa Bianco.

Permezz ta' skrittura datata 24 ta' Mejju 2004, l-atturi u konvenuti aħwa Bianco ftehmu inter alia li s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel ħlas annwali ta' Lm3,500 (illum €8,152.81), rivedibbli skont ir-rata ta' inflazzjoni, lill-atturi Anna Calleja u Vincent Bianco kull wieħed in vista tal-fatt illi dawn tal-aħħar, minkejja li huma azzjonisti tas-soċjetà konvenuta, la jmexxu u lanqas jaħdmu magħha. Il-ftehim kellu jkun validu sas-sena 2009 b'dan illi ġie maqbul ukoll illi l-atturi jitħallsu l-arretrati għas-snin 1999 sa 2003 fuq medda ta' erbatax-il sena. Fuq dan il-ftehim, l-aħwa Bianco dehru lkoll fil-vesti personali tagħhom. Minkejja li jidher li għal xi żmien dan il-ftehim kien qiegħed jiġi onorat, l-atturi aħwa Bianco waqfu jirċievu pagamenti wara l-2007. Jirriżulta li l-ħlas waqaf għaliex is-soċjetà konvenuta ma kienitx qiegħda tagħmel biżżejjed qligħ. L-atturi allura intavolaw din il-kawża sabiex iġegħlu lill-konvenuti jagħmlu l-ħlas li jgħidu li huwa dovut.

Preliminarjament, il-konvenuti jeċċepixxu li ħadd minnhom ma huwa l-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, kif ukoll illi l-ftehim in kwistjoni kien sempliċiment *shareholders' agreement* li jirregola l-intenzjoni u relazzjonijiet interni u personali tal-azzjonisti bejniethom relattivi għat-tmexxija u ġestjoni tal-kumpannija. Dawn l-eċċezzjonijiet ser jiġu trattati flimkien.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 t'April 2008:

> *"Huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika*."

Fil-kawża fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat illi:

"*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 t'Ottubru 2001, qalet hekk dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur:

"*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti, deċiża fl-10 ta' Jannar 2007:

> *"B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtù ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-konvenuti fil-vesti personali tagħhom, din il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba. Fuq l-iskrittura ma kienux il-konvenuti aħwa Bianco li obbligaw ruħhom li jħallsu lill-atturi minn flushom. Ladarba f'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas skont l-iskrittura, l-aħwa Bianco ma jistgħux iwieġbu personalment għat-talbiet attriċi.

Dwar jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tiffigura bħala l-leġittimu kontradittur f'din il-kawża, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa veru li fuq il-ftehim ma deher ħadd sabiex jirrappreżenta lis-soċjetà konvenuta, imma huwa veru wkoll illi l-erba' diretturi tal-kumpannija kienu parti minn dan il-ftehim fejn ġie maqbul illi l-kumpannija għandha tħallas skont dak stipulat, tant illi għall-bidu, il-ħlas kien qiegħed isir kif miftiehem.

Rilevanti għall-kawża tal-lum huwa l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-każ ta' Nevada Limited et vs Hubert Mifsud et, deċiża fis-16 ta' Frar 2004, fejn intqal hekk:

> *"Il-principju ewlieni li fuqu hija mibnija l-ligi taghna, li jeghleb il-principji l-ohrajn u l-finzjonijiet legali kollha, huwal l- principju tal-bona fides. Jekk is-socjeta` serviet bhala lunga manus biex il-konvenuti evadew l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom – u dan, naturalment, qieghed jinghad bla pregudizzju ghall-kwistjoni fil-meritu, li ghad irridu narawha – mela, bhala strument taghhom kontrollat ghal kollox minnhom, ikollha*

*twiegeb daqshom. F'gieh il-harsien tal-principju ewlieni tal-bona fides, il-Qorti ghandha wkoll is-setgha li thares lil hemm mill-finzjoni legali biex taghmel il-haqq u s-sewwa – biex, fil-kaz tal- lum, tafferma illi pacta sunt servanda. Dan il-principju già affermatu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, f'sentenza moghtija fit-22 ta' Jannar 1992 fil-kawza fl- ismijiet Avukat Dr. Jose` Herrera nomine et versus Tancred Tabone et nomine.*

*…*

*ghandu jkun pacifiku li fejn jirrizulta li socjeta` tintuza bi skop li jigu evitati obbligi personali, il-Qrati ghandhom is-setgha li joqghodu fuq "il-verita`sostantiva, u mhux lejn il-finzjonijiet legali". Il-personalita` guridika separata moghtija lis-socjetajiet titqies bhala privilegg moghti mil-ligi, liema privilegg m'ghandux jigi abbuzat."*

Hekk ukoll, fil-każ pjuttost riċenti ta' Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et, tas-26 ta' Jannar 2018, l-istess Qorti affermat il-prinċipju li:

"*Il-finzjonijiet legali ma għandhomx jitħallew ixekklu li ssir ġustizzja, aktar u aktar meta min jinqeda bihom jagħmel hekk bi skop manifestament diżonest.*"

Il-Qorti mhijiex ser tittolera li l-s-soċjetà konvenuta taħrab mill-obbligi tagħha billi tinħeba wara finzjoni legali. Id-diriġenti kollha tal-kumpannija qablu li l-kumpannija għandha tagħmel pagamenti annwali lill-atturi, u filfatt il-ħlas kien qiegħed isir. Il-konvenut Carmelo Bianco stess jikkonċedi li l-atturi għandhom jitħallsu. Dan il-ftehim ma jinġiebx fix-xejn sempliċiment għaliex fuq il-kuntratt ma ġiex dikjarat illi l-aħwa Bianco kienu qegħdin jidhru wkoll f'isem il-kumpannija. Dan għaliex mill-provi l-Qorti hija konvinta li l-intenzjoni tal-partijiet kienet proprju li tintrabat il-kumpannija kif miftiehem. Huma d-diretturi tal-kumpannija li jistgħu jorbtuha, u in kwantu l-erba' diretturi dehru fuq il-kuntratt u qablu li l-kumpannija għandha tagħmel dawn il-pagamenti, l-eċċezzjoni tal-konvenuti

li l-kumpannija mhijiex il-leġittimu kontradittur mhijiex ser tintlaqa'.

Din il-Qorti tqis illi lanqas it-tielet eċċezzjoni m'għandha mis-sewwa. Il-konvenuti ma ressqux prova li turi li l-ftehim kien sempliċiment *shareholders' agreement*. Huwa veru li fuq il-ftehim dehru l-azzjonisti kollha tal-kumpannija, imma fil-fehma tal-Qorti, dan il-ftehim m'għandux mis-sura ta' *shareholders' agreement*, speċjalment meta wieħed iqis illi f'*shareholders' agreement* l-azzjonisti ma jistgħux jassumu obbligi f'isem il-kumpannija, bħal ma ġara fil-każ odjern. Kif jikkonferma l-konvenut Giovanni Bianco stess, l-intenzjoni wara dan il-ftehim kien li l-azzjonisti li ma kienux involuti fil-ġestjoni u tmexxija tan-negozju, u ċioè l-atturi, jitħallsu pagament annwali talli ma jindaħlux fl-istess ġestjoni u tmexxija tan-negozju li huwa fdat f'idejn l-azzjonisti l-oħra d-diriġenti tal-kumpannija. Ftehim ta' din ix-xorta m'għandux minn natura ta' *shareholders agreement*.

Għaldaqstant, filwaqt illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi milqguħa, it-tieni u tielet eċċezzjonijiet preliminari qegħdin jiġu miċħuda għar-raġunijiet premessi.

Fil-mertu, il-konvenuti jeċċepixxu biss illi l-kumpannija ma kinitx qiegħda tirreġistra qligħ fis-snin sussegwenti għall-ftehim u kien biss fis-sena 2014 li l-kumpannija rreġistrat qligħ għall-ewwel darba f'aktar minn sitt snin. Għaldaqstant, jgħidu li s-soċjetà konvenuta mhijiex obbligata tagħmel it-tqassim lill-atturi a tenur tal-artikolu 192 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-artikolu jaqraw hekk:

> *"(1) Kumpannija ma tistax tagħmel tqassim ħlief mill-qligħ li jkun hemm għal dan l-għan.*
>
> *(2) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "tqassim" tfisser kull deskrizzjoni ta' tqassim tal-attiv ta' kumpannija lill-membri tagħha, sew bi flus jew xort'oħra, ħlief tqassim li jsir bħala -*

*(a) ħruġ ta' azzjonijiet bħala azzjonijiet bonus imħallsa għal kollox jew f'parti;*

*(b) il-fidi jew ix-xiri ta' xi azzjonijiet tal-kumpannija stess minn kapital, li jinkludi d-dħul minn xi ħruġ ġdid ta' azzjonijiet jew minn riżervi li ma jistgħux jitqassmu kif stipulat fl-artikolu 193(3);*

*(ċ) it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ bit-tneħħija jew bit-tnaqqis tar-responsabbiltà ta' xi membru lejn xi azzjonijiet tal-kumpannija dwar kapital azzjonarju maħruġ u mhux imħallas, jew billi jitħallas capital azzjonarju maħruġ u mħallas; u*

*(d) tqassim ta' attiv lil membri tal-kumpannija mal-istralċ tagħha."*

Issa fil-każ tal-lum, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tindaga dwar jekk il-kumpannija għamlitx qligħ. L-artikolu ċitat mill-konvenuti mhuwiex rilevanti għal finijiet ta' din il-kawża għaliex l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu tqassim mill-qligħ bħala azzjonisti. Kif diġà ntqal, il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-atturi ma jindaħlux fin-negozju li kellu jibqa' jitmexxa mill-konvenuti aħwa Bianco, b'dan illi jitħallsu s-somma miftiehma kull sena. Il-ftehim huwa indipendenti mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija. Fil-fatt, fil-ftehim ġie stipulat ċar u tond illi l-atturi għandhom jitħallsu somma garantita u minn imkien ma jirriżulta li l-partijiet ftehmu li din is-somma għandha titħallas mill-qligħ li tagħmel il-kumpannija kull sena, jew li l-atturi ma jitħallsux jekk il-kumpannija ma tirreġistrax qligħ. Fil-kwalunkwe każ, anke jekk għall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha taċċetta l-argument tal-konvenuti li l-kumpannija bdiet tirreġistra qligħ biss fis-sena 2014, huma ma spjegawx għalfejn lill-atturi baqgħu ma ħallsuhomx dak dovut lilhom. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Sorvolati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa fil-konfront tas-soċjetà konvenuta. Is-somma miftiehma skont il-ftehim tal-24 ta' Mejju 2004 kienet ta' Lm3,500, illum €8152.81, fis-sena, mill-1999, liema somma

kellha tiġi riveduta mis-sena ta' wara skont ir-rata ta' inflazzjoni. Fl-iskrittura l-partijiet qablu wkoll illi kienu dovuti l-arretrati mis-snin 1999 sa 2003 li kellhom jitħallsu fuq medda ta' erbatax-il sena b'dan illi l-ewwel pagament kellu jsir fit-30 ta' Ġunju 2004 u jibqa' jsir fit-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

L-atturi jispjegaw illi huma tħallsu s-segwenti kull wieħed:

| Data | Ammont |
|---|---|
| 06/06/2004 | Lm1,000 |
| 28/01/2005 | Lm3,500 |
| 30/01/2005 | Lm1,000 |
| 30/07/2005 | Lm3,500 |
| 22/08/2006 | Lm1,000 |
| 05/02/2006 | Lm3,500 |
| 11/02/2007 | Lm3,500 |
| 09/08/2007 | Lm1,000 |
| **Total:** | **Lm18,000** |

Meta s-somma ta' Lm3,500, illum €8152.81, tiġi riveduta skont ir-rata ta' inflazzjoni mis-sena 2000 kif maqbul, jirriżulta li s-somma dovuta lill-atturi kull sena mis-sena 1999 sas-sena 2009 hija s-segwenti:

| Sena | Ammont |
|---|---|
| 1999 | €8152.81 |
| 2000 | €8346.03 |
| 2001 | €8590.57 |
| 2002 | €8778.70 |
| 2003 | €8892.82 |
| 2004 | €9140.93 |
| 2005 | €9416.07 |
| 2006 | €9676.90 |
| 2007 | €9797.86 |
| 2008 | €10,215.25 |
| 2009 | €10,428.75 |

Għaldaqstant, it-total dovut lill-atturi għas-snin 1999-2009 huwa ta' €101,436.69 minn liema l-atturi tħallsu biss is-somma

ta’ €41,928.72. Hija għalhekk dovuta lill-atturi s-somma ta’ €59,507.97 kull wieħed.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwentment, tillibera lill-konvenuti Carmelo Bianco, John Bianco, Mario Bianco u Paul Bianco personalment mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiddisponi mit-talbiet attriċi kif ġej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tillikwida l-ħlas dovut lill-atturi fl-ammont ta’ disgħa u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa Ewro u sebgħa u disgħin centeżmu (€59,507.97) kull wieħed;

2. Tilqa’ t-tieni talba limitatament billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta’ disgħa u ħamsin elf, ħames mija u sebgħa Ewro u sebgħa u disgħin centeżmu (€59,507.97) kull wieħed, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG